MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2014

Avviz Numru. 8/2014

**KC Trading Limited**

**Vs**

**Riviera Resort Limited**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors tas-socjeta' attrici fejn talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef, tmien mija, tlieta u sittin Euro u disgha u hamsin centezmu (€3,863.59) rapprezentanti konsenja u bejgh ta' merkanzija lilha mill-kumpannija attrici u dan fuq inkarigu u struzzjonijiet taghha stess, hekk kif jidher mill-istatement (ara Dok. 'A') u l-fatturi (ara Dok. 'B') hawn annessi;

Illi l-kumpannija attrici ttentat tinterpella l-kumpannija konvenuta diversi drabi biex hi thallasha l-ammont minnha dovut, inkluz permezz t'ittra ufficjali numru 1350/2012, mahruga ai termini tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta (ara Dok. 'C') liema ittra ufficjali hija sahansitra kkontestat permezz ta' nota prezentata fl-10 ta' Lulju, 2012 (ara Dok. 'D')'

Illi hija baqghet inadempjenti u ghalhekk il-kumpannija attrici ma kien ghad fadlilha ebda triq ohra hlief li tghamel din il-kawza.

Illi r-rapprezentanti tal-kumpannija attrici jafu b'dawn il-fatti personalment.

Bl-imghaxijiet legali mid-data tal-istatement fuq imsemmi sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluza l-ittra ufficjali fuq imsemmiha. Il-kumpannija konvenuta qeghda minn issa tigi ngunta in subizzjoni. Dan kollu qed jintalab minghajr pregudizzju u b'rizerva ghall-pretensjonijiet l-ohrajn kollha tal-kumpannija attrici fil-konfront taghha.

Rat li fis-seduta tal-21 a' Mejju, 2014 is-socjeta' konvenuta, ghalkemm debitament notifikata, ma dehritx u lanqas ipprezentat risposta.

Rat li fl-istess seduta gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tas-socjeta' konvenuta.

Rat li fis-seduta tal-4 ta' Gunju, 2014, is-socjeta' konvenuta msejha tlett darbiet naqset li tidher, ghalhekk it-talba tas-socjeta' attrici ghandha titqies bhala mistqarra.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tal-attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef, tmien mija, tlieta u sittin Euro u disgha u hamsin centezmu (€3,863.59), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-istatement fuq imsemmi, u cioe mill-14 ta' Gunju 2012,

sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluza l-ittra ufficjali numru 1350/2012, datata 2 ta' Lulju 2012, kontra s-socjeta konvenuta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------